MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1781/1999/1

***M. Demajo Holdings Ltd.***

***vs***

***Raymond Savona***

Illum 28 ta’ Jannar 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta’ attrici ipremettiet illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira (LM 1224) import ta’ erbgha u tletin (34) kambjala ta’ LM 36 il-wahda li skadew fl-ewwel gurnata ta’ kull xahar bejn l-01 ta’ Ottubru 1996 u l-01 ta’ Lulju 1999 inklussivament (Dok A1 sa A34)

Ippremettiet illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandux minn din il-Qorti:

Jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ elf mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (LM 1224).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-14 ta’ April 1999 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ppresentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------